

# Ħaż-Żebbuġ Raħal Twelidi:

## • *Ħjiel fuq Ġrajjietu*
## • *Jinħtieġu inizjattivi ġodda*




Kitba ta' Peter Paul Ciantar

**● Jiena dejjem nistqarr li biex tkun taf sewwa r-raħal tagħna (Ħaż-Żebbuġ) trid tibda mill-bidu tiegħu… jew kważi, għax diffiċli fl-istorja tiġbed sinjal dritt. Dan ħassejtu meta jiena, flimkien ma' oħrajn fil-kumitat taħt il-Presidenza tal-Ministru tal-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien, it-Tabib Philip Muscat li bħalna huwa Żebbuġi, ħdmina bis-sħiħ biex fl-1980 fakkarna s-600 sena mit-twaqqif tar-raħal tagħna.**

Ngħidilkom mingħajr tlaqliq ta' xejn li qatt f'ħajti ma ħassejtni Żebbuġi daqs dakinhar … aktar u aktar meta fil-ġranet taċ-ċelebrazzjonijiet kellna fostna l-fdalijiet ta' San Filep f'urna tal-injam li ġiet minn Agira flimkien ma' delegazzjoni ta' dik il-belt li aħna tant għandna rabtiet magħha.

Dakinhar (Diċembru 1980) fakkarna flimkien is-600 sena mit-twelid ta' dan ir-raħal tagħna. Kienu ħafna dawk iż-Żebbuġin li staqsew, għaliex? Ir-raġuni hija li fl-1380, missirijietna qablu bejniethom li jibnu knisja li fiha setgħu jinġabru mingħajr ma jkollhom għalfejn imorru Ħal Qormi. Kitbiet antiki bħal tal-istoriċi Abela u Ciantar jitkellmu dwar dan.

Sa dak iż-żmien ir-raħal tagħna kien magħmul minn Ħal Muxi, Ħal Dwin u Ħal Mula… tliet irħula żgħar mhux 'il bogħod minn xulxin. Ġara li fl-1372, Filippu l-Kataniż (li kien joqgħod Ħal Mula) offra biċċa art bejn dawn it-tliet irħula msemmija biex fuqha tinbena knisja. Din kellha sservi għan-nies ta' dawn it-tliet irħula żgħar. Wieħed jifhem (aktar u aktar dak iż-żmien) li knisja kienet tfisser għaqda ta' komunità… għalhekk din tagħti wkoll identità. L-art li Filippu l-Kataniż offra għall-bini tal-knisja kienet magħrufa bħala 'Taż-Żebbuġ' u minn hawn twieled l-isem tar-raħal tagħna, Ħaż-Żebbuġ.




*Monument li jfakkar is-600 sena parroċċa*

Filippu l-Kataniż kellu qima speċjali lejn il-protettur tiegħu San Filippu t'Agira u allura xtaq li l-knisja tkun taħt il-ħarsien ta' dan il-qaddis. Skont l-istoriku Castagna, il-Knisja ta' San Filippu t'Agira, kienet lesta fl-1412 u l-arkitett tagħha kien Mattew Dingli. Saret parroċċa fl-1436 mill-Isqof ta' Malta, Senatore De Mello.

Minħabba li r-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ beda




*Dettall tal-lapidi li hemm fuq il-monument*

jikber, inħasset il-ħtieġa ta' knisja parrokkjali akbar. Fl-1599 fl-istess post bdiet tinbena l-knisja li hemm illum għamla ta' salib, minflok il-qadima, u din tlestiet fl-1632. Id-disinn kien tal-famuż Tumas Dingli. Aktar 'il quddiem tkabbar il-kor bi prospettiva stil klassiku minn Lorenzo Gafà, ħu l-iskultur magħruf Melkjore Gafà.

L-aħħar bini kien dak tan-navi. Jiena niftakar lis-Sur Ġanni Cilia, ħu l-Monsinjur Anton Cilia ta' 'Malta Missjunarja', jirrakkontali f'intervista dwar il-bini tan-navi tal-knisja tagħna u dan kważi fil-bidu tas-seklu l-ieħor. Din l-intervista għadha għandi. Urejt x-xewqa li din l-intervista ngħaddiha lil xi awtorità fir-raħal tagħna (biex ma tintilifx wara mewti), iżda ħadd ma wera interess.

Inkomplu… Kienet drawwa tal-Maltin, fi żmien l-Ordni, li jagħmlu petizzjoni quddiem il-Gran Mastru sabiex dan ikun il-patrun tar-raħal fejn joqogħdu. Iż-Żebbuġin ma baqgħux lura u bi ftehim mal-kappillan tagħhom Dun Feliċ Borg, ressqu t-talba tagħhom lill-Gran Mastru Manoel de Rohan.

Fost ir-raġunijiet li taw iż-Żebbuġin ta' dak iż-żmien kien hemm li l-popolazzjoni ta' Ħaż-Żebbuġ kienet tilħaq 'il fuq minn ħamest elef ruħ (fil-fatt għar-raguni tal-istorja, il-popolazzjoni dak iż-żmien kienet ftit iżgħar – 4,300 ruħ fl-1782), u li dawn kienu fost l-aħjar nies f'Malta, peress li l-arja tar-raħal tagħhom kienet fost l-aqwa fil-gżira. Raġuni oħra kienet li kien maħsub li jsir sptar f'dan il-lokal tagħhom.

Fil-fatt l-isptar li ssemma fit-talba biex ir-raħal tagħna jsir Belt sar u nfetaħ nhar id-19 ta' Marzu, 1794 u ssemma għal San Ġużepp u l-iskop tiegħu kien li jinġabru fih xjuħ u nies konvalexxenti. Illum kulma fadal minn dan huwa 'Misraħ l-Isptar' għalkemm il-bini vojt, għadu hemm u allaħares le.

Min-naħa tiegħu, il-Gran Mastru de Rohan għoġbu jgħolli r-raħal tagħna ta' Ħaż-Żebbuġ għad-dinjità ta' Belt, billi fil-21 ta' Ġunju, 1777, amar li Ħaż-Żebbuġ jibda jissejjaħ għal ismu, Belt de Rohan.

Iż-Żebbuġin minn dejjem ħabbewh lil De Rohan minħabba dan l-ispeċi ta' pjaċir. Fil-fatt, fl-1798 waqqfulu Ark Trijonfali fid-dħul tal-lvant tar-raħal, magħruf fostna bħala 'Bieb il-Ġdid' u li żżanżan nhar San Filep fit-12 ta' Mejju 1798, meta l-Gran Mastru de Rohan kien ilu kważi sena mejjet. Tajjeb li hawn insemmu li għall-bidu kien hemm il-ħsieb li jsiru żewġ 'Arki Trijonfali' wiehed kull naħa tar-raħal .

Għandna wkoll triq imsemmija għall-Gran Mastru de Rohan. Huwa mfakkar ukoll fl-isem tal-banda li tieħu ħsieb il-festa sekondarja li baqa' fir-raħal tagħna… Banda De Rohan li fl-arma tagħha ġġib ukoll l-arma ta' De Rohan. Fl-imgħoddi fir-raħal kien hemm ukoll 'Leħen il-Belt De Rohan'… gazzetta Żebbuġija li kienet toħrog bejn is-snin 1965-1976. Insemmu wkoll li bħala arma tal-Kunsill tagħna nsibu wkoll parti sewwa mill-arma tal-Gran Mastru de Rohan.

U biex intemmu din il-parti, insemmu wkoll li l-motto ta' Ħaż-Żebbuġ huwa 'Semper virens', 'Dejjem iħaddar'.

Ir-raħal tagħna minn dejjem kien raħal kbir; fil-fatt l-istoriku Ġio Anton Vassallo jsemmi lil Ħaż-Żebbuġ bħala wieħed mill-akbar ħames irħula ta' Malta, u dan fis-seklu 16.

Fiċ-ċensiment tal-1530, is-sena tal-miġja fostna tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, f'Ħaż-Żebbuġ kien hemm 400 dar u 2000 ruħ. Fil-fatt kien hemm djar u nies daqskemm kien hemm fir-Rabat u l-Imdina, il-kapitali ta' dak iż-żmien. L-istoriku Abela jikkonferma dan kollu.

Insemmu wkoll id-diversi djar qodma li huwa mogħni bihom dan ir-raħal. Barra li ħafna minnhom huma djar ta' valur storiku minħabba l-arkitettura tagħhom, hemm oħrajn li huma marbuta ma' xi nies importanti li taw kontribut kbir lil pajjiżna.

Kulħadd jaf li r-raħal tagħna Ħaż-Żebbuġ huwa mogħni b'nies kbar u importanti f'kull qasam tas-soċjetà Maltija. Dawn għexu fit-toroq tagħna u ħafna minnhom jinsabu jistrieħu fiċ-ċimiterju tal-'Qalb ta' Ġesù'… iċ-ċimiterju ta' ħdejn l-iskola.

Bħala konlużjoni ta' dan l-artiklu nixtieq noħroġ b'suġġeriment li jista' jkun ta' fejda għar-raħal tagħna u ta' benefiċċju wkoll għall-industrija tat-turiżmu f'pajjiżna. F'kelma waħda, tista' tkun inizjattiva ġdida. Naturalment il-kunsill u d-diversi għaqdiet tar-raħal tagħna (inklużi l-każini tal-baned) jistgħu jagħtu sehem importanti.

Nissuġġerixxi li peress li r-raħal tagħna huwa lokal mimli storja hemm ċans li wieħed jitkellem b'mod uffiċjali mal-awtorità tat-turiżmu biex barranin li jkunu fostna għall-btala (speċjalment fl-istaġun tax-xitwa) jittieħdu jaraw u jduru dawra mar-raħal antik tagħna bil-gwida jispjega? Naturalment il-mixja tagħhom tinkludi l-knisja fejn jaraw ir-rikkezzi kbar tagħha fosthom l-istatwa ta' San Filep l-unika statwa titulari tal-fidda f'Malta; il-każini kbar u sbieħ tal-baned tar-raħal tagħna; u postijiet fejn twieldu (u anki wkoll fejn jinsabu midfunin ħafna minnhom) id-diversi personaġġi Żebbuġin li kienu importanti fl-istorja ta' pajjiżna.

Waqfa għall-mistrieħ u għall-kolazzjon ta' nofs inhar f'diversi postijiet fir-raħal tagħna u anki jduqu d-diversi prodotti Żebbuġin bħal qubbajt, pastini u ħelu ieħor, inbid, pastizzi u qassatat. *Souvenirs* tar-raħal bi statwi żgħar ta' San Filep, jew il-faċċata tal-knisja, kotba u tant u tant affarijiet oħra wkoll joffru attrazzjoni. Naturalment kollox organizzat.

Mingħajr dubju ta' xejn, inizjattiva bħal din tista' tkabbar id-dħul finanzjarju għal kull min jipparteċipa. Għaldaqstant naħseb li b'organizzazzjoni professjonali, waqfa ta' ftit sigħat fir-raħal antik tagħna tista' wkoll tgħin lill-qasam turistiku f'pajjiżna li tant huwa vitali.

Nagħlaq billi niddedika dan l-artiklu tiegħi lill-ħabib tal-qalb u żagħżugħ li verament iħobb ir-raħal tagħna… in-Nutar u Kavallier Dott. Philip Ellul.

**Ħaż-Żebbuġ tiegħek… għożżu dejjem**
Nibżgħu għall-patrimonju Żebbuġi